MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## GINO CAMILLERI

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2014

Citazzjoni Numru. 1152/1992/2

**Citazzjoni numru 1152/92 GC**

**Joseph Grima**

**vs**

**Carmelo Pace, u b'digriet tal-11 ta' Dicembru 1992, Brian Taylor ghan-nom u in rappresentanza ta' Mediterranean Underwriting Managers Limited u dawn bhala managers tal-motor Omnibus Pool gie ammess jintervjeni fil-kawza in statu et terminis**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur Joseph Grima ppremetta:-

Illi fil-11 ta’ Frar 1992 waqt li l-istanti kien isuq il-car BMW numru J-7898 f’Tal-Barrani fid-direzzjoni taz-Zejtun din sfat involuta f’habta mal-bus numru Y-0332 u garrbet hsarat.

Illi ghall-incident kien jahti l-konvenut minhabba imprudenza, negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti izda dan qed jichad htijietu.

Illi l-import tad-danni mgarrba mill-istanti b’rizultat ta’ dana l-incident kien ta’ elfejn, mija u tnax-il lira u sebgha u tmenin centezmu (Lm2112.87).

Ghal dawn ir-ragunijietr l-attuir qed jitlob li din il-Qori tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident imsemmi u ghad-danni kollha li sofra l-istanti b’rizultat ta’ l-istess; li jigu likwidati d-danni fl-ammont ta’ Lm2112.87 jew somma verjuri occorrendo bl-opra ta’ periti nominandi u tikkundanna lill-istess kovenut ihallas lill-attur l-ammont hekk dikjarat bhala dovut in linea ta’ danni.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-20 ta’ Marzu 1992 u bl-imghax minn notifika ta’ din ic-citazzjoni kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur, debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-intervenut fil-kawza Brian Taylor nomine fejn gie eccepit:-

1. L-ewwel talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-incident awtomobilistiku de quo gara unikament htija tal-istess attur; ghalhekk ghandha tkun respinta.

2. Konsegwentement ma hemmx danni x' jigu likwidati favur l-attur; b' hekk it-tieni talba hija insostenibbli.

3. Isegwi li anke t-tielet talba ghandha tkun michuda stante li l-konvenut m' ghandux ikun kundannat ihallas danni lill-attur.

Rat id-dikjarazzjoni tal-istess intervenut fil-kawza Brian Taylor nomine, debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu.

Rat it-traskrizzjoni tad-deposizzjoni tal-attur u t-traskrizzjonijiet l-ohra ta' xhieda tal-attur li nstemghu minn din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat ukoll it-traskrizzjonijiet ta' xhieda prodotti mill-konvenuti.

Rat id-dikriet taghha tal-23 ta' Marzu 2000 li bihgie nominat Philip Zammit bhala perit tekniku, bil-fakoltajiet kollha soliti.

Rat li bid-digriet taghha tal-20 ta' Gunju 2000 gie nominat Dr. Antoine Naudi bhala perit legali biex jassisti lill-perit tekniku gia nominat.

Rat ir-relazzjoni kongunta tal-perit tekniku u tal-perit legali presentata u debitament konfermata bil-gurament fil-kors tas-seduta tat-13 ta' Jannar 2004 u rat ukoll it-traskrizzjonijiet tas-seduti kollha mizmumin mill-periti gudizzjarji.

Rat in-nota ta’ kritika tal-attur ghar-rapport peritali.

Rat in-nota ta’ kritika responsiva tal-konvenut.

Rat is-sentenza taghha tat-12 ta’ Jannar 2007, li biha gew michuda t-talbiet kollha tal-attur.

Rat li l-attur interpona appell mill-imsemmija sentenza.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta’ Gunju 2009 li biha giet riformata l-imsemmija sentenza ta’ din il-Qorti tat-12 ta’ Jannar 2007 u sabet li kemm l-appellant kif ukoll l-appellat huma t-tnejn responsabbli ghall-incident u dana kwantu ghal zewg terzi (2/3) l-appellat Pace u kwantu ghar-rimanenti terz (1/3) l-appellant Grima. Inoltre l-inkartament ntbaghat lura lil din il-Qorti sabiex it-tieni u t-tielet talbiet jigu determinate skond il-ligi u fid-dawl ta’ dak li gie deciz fl-imsemmija sentenza tal-Qorti tal-Appell. .

Rat li in vista tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell regghu gew nominati l-istess perit tekniku u l-istess perit legali, bil-fakoltajiet kollha soliti u sabiex jirrelataw dwar il-likwidazzjoni tad- danni inkluzi dawk fil-“gearbox.”

Rat in-nota tal-attur presentata fl-14 ta’ Ottubru 2011 li biha l-attur appella mid-dritt li gie ntaxxat bhala spoetantanti lil perit tekniku dwar ir-relazzjoni ulterjuri tal-periti gudizzjarji ghar-ragunijiet kontenuti fl-istess nota.

Rat l-atti lohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti.

Rat li l-kawa giet differita sabiex l-appell tal-attur kif kontenut fl-imsemmija nota tal-14 ta'Ottubru 2011.

Semghat is-sottomissjonijiet orali tad-difensuri tal-partijiet dwar l-imsemmija nota.

Rat l-atti l-ohra kollha rilevanti u d-dokumenti esibiti.

Ikkonsidrat:-

Li qed jitlob l-attur hu li jigi ntaxxat mill-gdid id-dritt tal-perit tekniku relattiv ghar-relazzjoni ulterjuri kongunta tal-periti gudizzjarji .

**Fatti rilevanti**

Dan l-appell tal-attur jirrigwarda esklusivament id-dritt li gie intaxxat lill-Perit Tekniku in vista tar-relazzjoni ulterjuri (fol.268). Il-perit tekniku Philip Zammit kien fil-bidu ppresenta u kkonferma bil-gurament l-ewwel relazzjoni kongunta tieghu (fol.183). Fil-fatt l-ewwel sentenza li nghatat minn din il-Qorti kienet bazata principalment fuq dak li kkonkluda l-perit tekniku u konsegwentement it-talbiet tal-attur kienu gew kollha michuda. Sussegwentement nghatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell li rriformat l-imsemmija sentenza ta' din il-Qorti u sabet li iz-zewg sewwieqa, cioe' kemm l-attur kif ukoll il-konvenut, kienu responsabbli tal-incident stradali, pero'

mhux responsabbli in daqs izda il-konvenut hu responsabbli kwantu ghal zewg terzi mentri l-attur ghar-rimanenti terz. Il-Qorti tal-Appell irrinvijat l-atti lil din il-Qorti sabiex issir il-likwidazzjoni tad-danni, fid-dawl ta’ dik is-sentenza. Konsegwentement din il-Qorti hatret mill-gdid liz-zewg periti gudizzjarji appuntu biex jirrelataw dwar il-likwidazzjoni tad-danni kollha stante li tali likwidazzjoni ma kienitx saret ghaliex ma kienx instab li kien hemm xi tort fuq in-naha tal-konvenut.

Wara li gew intaxxati d-drittijiet taz-zewg periti gudizzjarji l-attur qed jirrifjuta li jhallas id-dritt kif gie intaxxat lil Perit Tekniku Philip Zammit stante illi mhux qed jaqbel mal-kont tal-istess Perit Tekniku.

.

**Konsiderazzjonijiet ta’ ligi.**

Ir-rimedju għal min ma jaqbilx ma’ taxxa ta’ drittijiet ta’ perit maħtura mill-Qorti huwa dak li hu stipulat fl-artikolu 667 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-attur qed jibbaza din l-azzjoni tieghu appuntu fuq l-imsemmija provedimenti.

L-attur qed isostni li ma kienx necessarju li l-imsemmi Perit Tekniku jirrelata ulterjorment u in partikolari li jirrelata dwar il-ħsara fil-*gearbox* tal-vettura misjuqa mill-attur, stante illi fl-ewwel rapport il-Perit tekniku kien ikkonkluda illi l-attur kien unikament responsabbli għas-sinistru. Kwindi, skond l-attur, il-Perit Tekniku sab ruħu fil-posizzjoni li ma kienx jeħtieġlu jissottometti konklużjoni teknika dwar l-imsemmija *gearbox*.

Ghall-ewwel l-inkariku li gie moghti lill-Perit Tekniku skond il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Marzu 2000 (fol.140) kien li jzomm aċċess u jeżamina l-vettura u jirrelata dwar it-tiswija tal-vettura u kif id-danni jistgħu jiġu relatati mal-inċident. It-tieni darba li gie mahtur l-istess Perit Tekniku (fol.252) kien biex flimkien mal-Perit Legali jirrelata dwar il-likwidazzjoni tad-danni inklużi dawk fil-gear-box jekk ikun il-każ u dana bl-istess fakoltajiet li kienu gew moghtja lilhom fl-ewwel lok.

Ghalhekk essenzjalment hu necessarju illi issa l-perit tekniku jghati parir dwar id-danni kollha li sofra l-attur inkluz dawk fil-gear-box. Kif gia rilevat il-konkluzjonijiet li wasslu ghalihom il-periti gudizzjarji kienu li l-attur kellu jigi ritenut responsabbli ghall-incident in kwestjoni u ghalhekk, fl-istess l-ewwel relazzjoni l-periti ma wasslux biex jaghmlu l-likwidazzjoni tad-danni. Minhabba li l-Qorti tal-Appell iddeciedit li l-konvenut kellu jitqies li hu ukoll responsabbli ghall-istess incident issa trid per forza issir il-likwidazzjoni tad-danni. Dan ifisser li issa l-Perit Tekniku irid jghati l-parir tieghu dwar il-kwantifikazzjoni tad-danni sofferti mill-attur u ghalhekk it-tieni relazzjoni tirrikjedi li jinghata parir dwar dan.

Hu ovvju li una volta li l-Perit Tekniku ser jaghti opinjoni din trid tigi intaxxata u dan skond it-Tariffa ‘K’ tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Jidher ukoll li skond din it-tariffa l-ammont li ghandu jigi intaxxat, f’dan il-kaz, ma għandux jeċċedi l-massimu ta’ elfejn euro (€2000) kif stabbilit mill-liġi. Jirrizulta li, f’dan il-kaz. l-ammont li gie intaxxat (fol.262) hu taħt dan il-massimu. Inoltre fl-opinjoni ta’ din il-Qorti l-ammont li gie intaxxat bhala dritt u spejjez tal-Perit Tekniku hu ġust u raġonevoli.

Għal dawn ir-raġunijiet kollha:-

Tiddeciedi billi tichad dan l-appell tal-attur u tordna sabiex l-attur ihallas minnufih id-drittijiet u spejjez li gew intaxxati lill-Periti Gudizzjarji sabiex tkun tista tinghata s-sentenza finali.

Spejjez kollha ta’ din il-procedura jithallsu kollha mill-attur.

## < Sentenza In Parte >

---------------------------------TMIEM---------------------------------